Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**Minuti tal-laqgħa Nru : 38 li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar l-Erbgħa 14 ta' Ottubru 2015 fil-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur John B Camilleri |
| Skużat | Is-sur Charlot Cassar |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjorina Chantel Zammit |

***Aġenda***

1. **Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 37.**
2. *Punti li joħorġu mill-Minuti.*
3. **Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.**
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni tat-Tender
   KLM 2015/04 – Bulky Refuse
   **KLM 2015/05 – Design and printing of Council Magazine.**
   KLM 2015/06 – Road Maitenance and Major Patching works in access and access only roads.
   KLM 2015/07 – Maintenance of Traffic Signs and Road Markings.
6. **Rapport ta' kull kwart Lulju sa Settembru 2015**
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.

Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree' Attard

Councillors
John Baptist Camilleri
Charlot Mifsud
Charlot Cassar
Elisabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri
Sandro Gatt

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 37(1) tas-23 ta' Ottubru 2015:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi paġna 9 artiklu #4.7 paragrafu 3 għandu jinbidel u jinqara kif ġej :

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi huwa ma jaqbilx mal-pagamenti tal-ikliet u staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk aħniex konformi mal-minuti. Huwa qal illi fl-opinjoni tiegħu l-flus setgħu intefqu f'affarijiet iktar importanti."*

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud daħal għal laqgħa fis-6.11pm.***

1.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi paġna 3 artiklu #2.1.3 paragrafu 9 għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi t-tabelli taz-zebra crossing ta' Triq il-Qaliet waħda minnhom għanda issir bid-dawl u bir-reflector u n-naħa l-oħra tista ssir bis-solar."*

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fis-6.13pm.***

1.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi paġna 3 artiklu #2.1.2 paragrafu 1 għandu jinbidel u jsir:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li kien ra t-trakk tal-iskart ħiereġ mil-lokalita` għal ħabta tal-10.30am u għaldaqstant ma jistax jkun illi l-kollettur qed jibda fil-ħin stipolat fil-kuntratt iżda qed jibda qabel."*

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal laqgħa fis-6.18pm.***

1.1.5 Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi paġna 2 artiklu #2.1.1 paragrafu 2 għanda tinbidel u ssir:

"Is-Sindku qal illi minn sorsi nfurmati li sehma qed jgħidu illi jekk jibda l-proġett tal-eks *Jerma Palace* ser jinbidel il-promenade ukoll iżda ma hemm xejn konkret u għaldaqstant għandna nitkellmu ma' l-Onor Chris Aguis waqt il-laqgħa li tlabna."

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ssekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 37(1) tas-23 ta' Settembru 2015:**

2.1.1 Il-Viċi Sindku tkellmet fuq artiklu #2.1.3 paġna 3 rigward il-bollards li saru fi Triq il-Qaliet għaliex irċviet diversi ilmenti mingħand ir-residenti. Kompliet tgħid illi fl-opinjoni tagħha għandhom jitnaqqsu ftit mill-bollards illi hemm tul it-triq.

Is-Sindku beda billi qal illi l-bollards diġa tnaqqsu mit-triq, u qal illi diġa irrisponda diversi kritiki għaliex iħoss li kellu jirribatti kritika li ma kinitx kostruttiva. Is-Sindku qal illi hu sab il-bollards imwaħħlin fi Triq il-Qaliet mil-lum għal għada minn ħdejn San Tommaso Restaurant li diġa kienet żball illi bdew minn hemm u għalhekk l-għada inqalgħu 5 bollards minn dik il-parti tat-triq. Kompla jgħid illi wara ġimgħa rnexxilu jiltaqa mas-Sur Charles Muscat uffiċjal mit-Transport Malta u hu ssuġerixxa illi jsiru 4 bollards u jitħalla spazju u jkompli b'din is-sekwenza, qal ukoll illi quddiem il-vilel hemm bejn 8 u 9 bollards u hu ssuġerixxa li hemmhekk ukoll jitnaqqsu għal 4 jekk il-Kunsill jaqbel ma dan il-proponiment. Is-Sindku qal illi kienu saru bollards anke quddiem garaxxijiet privati u bus stops. Is-Sindku żied jgħid li quddiem il ħwienet San Tomaso Restaurant, JS Hardware store, Bon Bon confectionery, Toni's wines and spirits saru un/loading bays min naħa tal-Kunsill bl-approvazzjoni tat-Transport Malta. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dawn il-bollards ma sarux b'kapriċċ għaliex fi Triq il-Qaliet kien hemm sewqan eċċessiv u kienet triq perikoluża fejn kien jirċievi ħafna ilmenti mir-residenti f'din it-triq.
Il-Kunsillier D. Spiteri qal li ma jaqbilx assolutament ma dawn il-bollards.
Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri illi hu għamel diversi mozzjonijiet u suġġerimenti sabiex isiru miżuri minħabba s-sewqan eċċessiv fi Triq il-Qaliet u dan kien l-għan tagħna sabiex tiżdied is-sigurta' f'din it-triq. Kompla jgħid illi hu bħal kulħadd inħasad kif ra l-bollards fit-triq pero` mbagħad jindraw u jħoss illi ma jaqbilx li jitnaqqsu minnhom għaliex it-triq ġiet aktar sigura`.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk iz-zebra crossings li ser isiru f'din it-triq hux se jkunu humped zebra crossings.

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma dan.

**Sar qbil unanimu illi ma jitnaqqsux bollards min Triq il-Qaliet u titħallas kif inhi fil-preżent.**

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 artiklu #3.7 u xtaq ikun jaf x'intqal f'din il-laqgħa.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu kien infurmat tard ukoll b'din il-laqgħa pero` attenda għaliha kif ukoll il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar u ppreżentaw is-suġġerimenti kif qbilna fil-laqgħa tal-Kunsill preċedenti fejn ftit mill-punti kienu li ma ssirx triq fejn jistgħu jgħaddu vetturi mal-kosta iżda issir bħala promenade u li jiġu rranġati l-ħitan tas-sejjieħ.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi l-Lattrina ta' Żonqor ser titneħħa minħabba l-proġett tal-Universita'.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa jekk is-suġġeriment tiegħu li jsir cycling track ġiex mgħoddi mas-suġġerimenti.

Is-Sindku qal illi s-suġerimenti kienu kollha mniżżla fuq dokument u mgħoddi waqt il-laqgħa.

2.1.3 Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq il-problema tal-għarar ġewwa Marsaskala u qal illi permezz tax-xogħolijiet li saru l-istorm water culverts kienet ta suċess għaliex Triq Ħaż Żabbar m'għadiex tegħreq bl-ilmijiet tax-xita.

Is-Sindku kompla jgħid illi hu ta' l-opinjoni li ssir pompa fi Triq ix-Xatt ħdejn tal-ħaxix biex inaqqsu mil-ilma li jżomm f'dawk l-inħawi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-ewwel trid togħla it-triq inkella inutli li ssir il-pompa.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi Triq il-Blajjiet mill-knisja ta' San Nikola qed jinżel it-terrapien li hemm fit-triq kollu mal-ilma tax-xita.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu jisuġerixxi li ssir rampa tal-konkos fit-tarf tat-triq biex iwaqqaf lil dan il-materjal dan peres li din it-trejqa mhijiex asfaltata u taqa taħt ir-responsabilita' tal-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi f'din it-triq jidħlu l-karozzi.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi f'din itr-triq l-ilma ma jeqlibx u għandhom isiru x-xogħolijiet meħtieġa.

Is-Sindku qal illi tajjeb nistennew proġett tal-GAL XLOKK sabiex napplikaw għal din it-triq u sadanittant issir il-hump tal-konkos.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri tkellem fuq paġna 2 artiklu 2.1.1 fejn qal illi hu kellu laqgħa mal-Onorevoli Chris Aguis rigward il-jogging track fi Triq ix-Xatt fejn hu qal lil Hon Aguis illi aħna bħala Kunsill naqblu mall-prinċipju li ssir din il-jogging track pero` tajjeb naraw jekk hemmx xi pjan ta xogħolijiet fuq il-promenade minn Triq ix-Xatt sal-eks Jerma għaliex jekk hemm xi xogħolijiet fil-pipeline tkun ħela li din il-jogging track issir għal ftit żmien. Il-Kunsillier is-Sur Spiteri qal illi l-Onor Aguis qallu illi hu mhux infurmat li hemm xi xogħolijiet li ser isiru fuq il-promenade u għalhekk tajjeb illi l-Kunsill jibgħat ittra fejn jitlob sabiex issir din il-jogging track. Il-Kunsillier is-Sur Spiteri qal illi hu tkellem miegħu anke rigward iċ-cycling track u qallu illi jaqbel illi għandha ssir cycling track tajba u mhux bħal dik li kellna fil-Lokal. L-Onor Aguis qallu illi l-Gvern għandu pjan nazzjonali rigward dan.

Is-Sur Spiteri qal illi hu staqsa lil Hon Aguis rigward il-walking bus u jekk issirx f'xi Lokalitajiet oħra, l-Onor Aguis issuġerixxa illi nitkellmu mal-Kunsill tas-Siġġiewi.

Is-Sindku qal illi l-inizjattiva tal-walking bus kienet diġa ssir fil-Lokalita' tagħna pero waqfet minħabba l-problema ta' sigurta' tal-istudenti mit-traffiku.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi damet sena fis-seħħ pero waqfet minħabba li l-persuna li kienet tieħu ħsieb dawn l-istudenti kien sab xogħol u ma setgħax jibqa jkun magħhom.

Sar qbil unanimu illi l-Kunsill jibgħat ittra lil Onor Aguis rigward il-jogging track fi Triq ix-Xatt.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 7 artiklu #3.8 jekk kienx hemm xi update dwar l-imwejjed u siġġijiet fi Triq ix-Xatt.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi irċivejna il-kundizzjoni kif ser jevalwaw il-prospoti tal-imwejjed u siggijiet mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali pero ma semmew xejn fuq l-infurzar.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal korrispondenza li kien bagħat bħala risposta uffiċjali tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi t-tabelli qiegħdin jiżdiedu dejjem aktar fi Triq ix-Xatt mis-sidien tar-ristoranti.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi jkun tajjeb jekk nirraportaw lill-Pulizija.

Is-Sindku qal illi ser issir laqgħa mas-Sur Zammit uffiċjal fuq il-wardens u niddiskutu dan miegħu.

Saret referenza għal ittra li ntbgħatet mill-Kunsill rigward id-dokument li nħareġ fuq il-proposti tal-imwejjed u siġġijiet sabiex nkunu nafu aktar x'jista jsir fuq l-enforcement pero għadna ma rċivejna l-ebda risposta.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 9 artiklu #4.7 rigward il-pagament taż-żeffiena mil-Latvja. Hu qal illi meta fittex fil-minuti preċedenti, fis-seduta Nru 34 fit-23 ta' Ġunju 2015 meta ġiet diskussa u sar qbil mill-Kunsill ma kien sar l-ebda qbil fuq l-ikel iżda fuq akkomodazzjoni u xi trasport.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fis-seduta Nru 29 tal-20 ta' Jannar 2015 l-ikel kien imsemmi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi dak li jisemma fil-minuti għandna dejjem nimxu miegħu.

Is-Sindku qal illi infatti l-ikel kien imsemmi u approvat mill-Kunsilliera, kompla jgħid illi din l-attivita kien ilu jinforma lill-Kunsill biha mill-2014. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill ħallas għall-ewwel tlett ijiem biss u li l-prezzijiet li rnexxielu jikseb għal akkomodazzjoni kienu irħas.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qabel li l-prezzijiet tal-akkomodazzjoni kienu irħas u żied jgħid illi ma jħossx li kellna nħallsu għal lunch u għal dinner b'medja ta' €17 għal kull ikla għall kull persuna.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree' Attard staqsiet jekk konniex nafu kemm ser jintefqu flus min qabel.

Is-Sindku qal illi ma tkunx taf min qabel.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jħoss li ma kienitx tagħmel sens li nistiednu lil dawn iż-żeffiena u ma jingħatawx x'jieklu pero hu jħoss illi għal żifna ta 30 minuta intefqu ħafna flus.

Is-Sindku qal illi mhux sew li tissemma biss iż-żifna għaliex din id-delegazzjoni għamlet ħafna ġied meta marret lura f'pajjiża u għamlet riklam tajjeb għal Malta u fuq kollox għal Lokal tagħna.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ħareġ mil-laqgħa fis-7.18pm.***

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Risposta li ngħata dwar il-White paper fuq talbiet ta' mwejjed u siġġijiet (35/4269/15/I)**

Din il-komunikazzjoni diġa ġiet diskussa f'punt nru 2.1.4.

3.2 **<u>Korrispondenza mingħand Matthew Mallia għan-nom tal-Kumitat Festa Esterna (35/4172/15/I):</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja beda billi jgħid illi rċivejna din il-korrispondenza mingħand is-Sur Mallia fejn qed jitlob li isiru il-kaptelli tal-arbli sabiex ikunu uniformi u tajbin.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi inutli li jsiru tal-plastik għax dawn jitkissru meta jgħaddu minn fuqhom. Kompla jgħid illi tajjeb isiru tal-ħadid fondut.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi tajjeb nġibu stima anke ta' kaptelli mgħamulin mil-black steel.

Sar qbil unanimu illi l-Kunsill iġib stima għal kaptelli tal-fondut.

3.3 **<u>Kundizzjoni tal-latrini f'Marsaskala (35/4172/15/I):</u>**

Is-Sindku qal illi kellu laqgħa mas-Sur Joe Debono mill-MTA u nfurmah illi hemm xogħolijiet għaddejjin fuq il-latrini u hemm ħsieb li jinħarġu tenders jew expression of interest għalhekk tajjeb li nistennew. Il-ħsieb huwa li dawn il-lattri8ni isiru bil-Private Public Partnership li hija soluzzjoni tajba ghal dawn il-lattrini.

3.4 **<u>Attivita' fil-Milied li ser titella mill-Kunsill:</u>**

Is-Sindku qal illi hu ltaqa mas-Sinjura Sharon Balzan ġewwa l-Wasteserv u sar qbil illi l-Wasteserv tipprovdi s-sound u 2 tined għal attivita' tal-Milied. Kompla jgħid illi ltaqa anke mas-Surmat il-ġdid u staqsieh jekk il-Christmas carol li ssoltu issir fil-knisja jaqbilx li ssir ġewwa l-Wasteserv fejn filgħodu jkun hemm workshop għal-istudenti fejn jitgħallmu l-użu mill-materjal riċiklat u filgħaxija jsir il-kunċert u l-Kunsill irid biss jissuplixxi l-kantanti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk il-Wasteserv hux ser tissuplixxi d-dwal tal-Milied xorta waħda.

Is-Sindku ikkonferma illi ser jisupplixxu anke d-dwal tal-Milied.

Is-Sindku qal illi hu ma jafx hux ser issir xi attivita' fil-knisja, pero` jekk ser issir xi ħaġa fil-knisja l-Kunsill ser jissuplixxi biss il-kantanti.

Is-Sindku qal illi l-ħaddiema ser jieħdu il-palk fejn ikun ġie deċiż li jsir.

3.5 **<u>Spazzju fil-family park:</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu ġie avviċinat mill-Kumitat tal-family park kif ukoll għaqda ta' nies li jużaw il-karozzi tar-remote, fejn infurmawh illi hemm spazju fil-family park fejn kellu jsir il-kiosk fejn jista jintuża mid-delettanti tal-karozzi tar-remote.

3.6 **<u>Korrispondenza mingħand resident dwar problema fi Triq Vajrita' (35/4377/15/I):</u>**

Is-Sindku qal illi rċieva din il-korrispondenza fejn dan ir-resident infurmana illi fi Triq is-Salini k/m Triq il-Vajrita hemm problema bil-culvert għaliex il-karozzi qed jaħbtu l-qiegħ tagħhom mat-tarmac.

Il-Kunsill iddeċieda illi nipprovaw ngħollu ftit il-culvert 'l fuq.

3.7 **Kors għaqal id-dar – Ħajja aħjar (35/4359/15/I):**

Is-Sindku qal illi rċivejna din il-korrispondenza mid-DLG fejn infurmawna illi dan il-kors huwa immirat sabiex jgħin lin-nies sabiex ikunu aktar għaqlin fit-tqassim tal-flus u fil-ħajja ta' kuljum. Il-Kunsill għaraf li bħalissa għandna ħafna korsijiet oħra għaddejjin u allura dan il-kors mhux ser jsir f'Marsaskala.

3.8 **Żonqor Playingfield. Il-Kunsill għandu jikkunsidra li jibda proċess ta' devoluzzjoni sabiex wara japplika lil MEPA biex tinbena lattrina pubblika taħt l-istess ġnien:**

Is-Sindku qal illi l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ħareġ bi proposta tajba ħafna, fejn hu ppropona li jsir garaxx taħt il-bandli taż-Żonqor peressli dan qiegħed elevat.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hekk nkunu qed ineħħu anke id-dislivell u jkunu jistgħu jsiru anke latrini għalhekk tajjeb li nitkellmu mal-Cleansing department dwar dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu diġa tkellem mas-Sur Ramon Deguara u qallu li mhuwiex il-kompitu tiegħu li ssir lattrina ġdida.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitkellmu mal-Perit fuq il-possibilita` li jsir dan il-proġett.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsilli illi waqt laqgħa li kellu mal-Perit infurmatu illi ma leħqitx iċ-ċertifikat ix-xogħolijiet tal-Karmig Ltd u għalhekk il-kuntrattur bgħat lill-Kunsill l-kwantifikazzjoni tiegħu fejn l-ammont huwa dak ta' €18000, kompla jgħid illi l-Perit issuġeriet illi jinħareġ il-pagament u jekk wara li tiċċertifikah ikun hemm xi differenza fl-ammont jiġu aġġustati fil-pagamenti ta' wara.

Il-Kunsill qabel unanimament

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill illi kellna xi pagamenti illi daħlu tard tas-Sur Matthew Attard u ser jitressqu f'din is-seduta u jkunu mniżżla fis-seduta li jmiss bħala ħlasijiet b'urġenza

1) Mr Matthew Attard –Public convenience September 2015 - €1585.92
2) Mr Matthew Attard –Extra works -€75.00
3) Mr Matthew Attard- and less payment paid twice on cheque 11575,11848 - -€26.20

Il-Kunsill qabel unanimament li jitħallsu.

4.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq pagamenti numru #3005 ta' Twilight #3032 u #3033 ta' Nexos Light & Vision.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawn il-pagamenti ser jiġu rifużi mill-MTA skond il-qbil li kien hemm magħhom.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda.***

**Il-Kunsill approva unanimament.**

5.0 **Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2015/06 – Road Maitenance and Major Patching works in access and access only roads:**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta x-*schedule* u qal li għat-tieni darba ma kien hemm l-ebda offerent li tefa l-offerta tiegħu, hu qal illi bgħat lid-Direttur tal-Gvern Lokali fejn talbu sabiex itieħ 15-il ġurnata u mhux 30 ġurnata min meta terġgħa tinħareġ it-tender, pero għadu ma ingħatax risposta.

Il-Kunsill qabel illi malli jingħata l-permess mid-Dipartiment tinħareġ is-sejħa biż-żmien imnaqqas.

5.1 **Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2015/07 – Maintenance of Traffic Signs and Road Markings:**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta t-Tender *schedule* ta' min issottometta l-offerta tiegħu.

| No | Contractor | Remarks | Amount |
|---|---|---|---|
| 1 | Sign mark Ltd | | As per b.o.q |
| 2 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | | As per b.o.q |

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-orħos rata hija dik tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali, kompla jgħid illi kellna tender ieħor li ġie skwalifikat minħabba li daħal tard. Dan kien ta'B.Grima & Sons. Huwa ċċekja mad-Dipartiment tal-kuntratti u ma setax jaċċettaħ.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi importanti illi dak kollu li hemm mniżżel fit-tender jiġi aderixxit għaliex fit-tender li għandna bħalissa hemm klawżola li tgħid illi l-kuntrattur irid idur ml-Lokal darba fis-sena u jara x'hemm ħażin kemm fit-tabelli u anke marki tat-toroq u jagħmel l-aġġustamenti meħtieġa pero dan qatt ma sar, qal ukoll illi tajjeb naraw x'tip ta stickers jintużaw għaliex li għandna bħalissa huma ta materjal inferjuri għal dawk li suppost ikollna.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dan il-kuntratt jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

5.2 **Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2015/04 – Bulky Refuse:**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta t-Tender *schedule* ta' minn issottometta l-offerta tiegħu.

| No | Contractor | Remarks | Amount |
|---|---|---|---|
| 1 | Mr Jimmy Muscat | | €3.75 incl Vat per 3 items |

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Sur Muscat kien l-unika offerent għal din it-tender.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi peress illi kien l-uniku offerent ser jgħaddi s-suġġeriment illi nitkellmu mall-kuntrattur sabiex inaqqsu r-rata stipulata fit-tender u tibqa r-rata li għandna fil-preżent.

Is-Sindku qal illi hemm ukoll il-fatt li daħlet l-iskema l-WEE.

Is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ma jħossx li żdied ix-xogħol għal kuntrattur minħabba din l-iskema.

Is-Sindku qal illi is-Sur Muscat huwa kuntrattur tajjeb immens u dejjem għamel xogħol tajjeb ħafna fil-Lokal u jħoss li r-rata ta' €2.50 għandha tkun tajba.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jitkellem mall-kuntrattur u jintlaħaq ftehim fuq ir-rata tat-tender.

5.3 **Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2015/05 – Design and printing of Council Magazine:**

| No | Contractor | Remarks | Amount |
|---|---|---|---|
| 1 | Union Print | | As per b.o.q |
| 2 | Gutenberg Press Ltd | | As per b.o.q |

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta t-Tender *schedule* ta' min issottometta l-offerta tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ż-żewġ tenders huma technically compliant u l-orħos offerent hu l-Union Print.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tkun aġġudikata lill Union Print peress illi hu l-orħos offerent filwaqt li jaderixxi mal-kundizzjonijiet kollha tal-kuntratt.

6.0 **Rapport ta' kull kwart Lulju sa Settembru 2015:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-Kunsill illi l-accountant is-Sinjura Doreen Mintoff hija skużata u spjega fid-dettal ir-rapport ta' kull kwart minn Lulju sa Settembru 2015.

Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport.

➢ ***Ħaddiema tal-RSS:***

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsill illi rċieva telefonata rigward il-ħaddiema tal-RSS fejn infurmawh illi hawn diversi Kunsilli illi jinsabu mingħajr ħaddiema u hawn Kunsilli oħra li għandhom ħafna allura jixtieqi li kull Kunsill ikun assenjat b'żewġ ħaddiema.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ser isir pool ta' ħaddiema tal-IPSL fejn jekk il-Kunsill ikollu bżonn xi ħaddiema għal xi xogħolijiet jintbgħatu n-nies min dan il-pool biex jgħinu f'dawn ix-xogħolijiet pero` ma jkunux assenjati biss ma' Kunsill wieħed.

Is-Sindku qal illi hu tkellem ukoll mall-RSS u qalilhom illi hemm bżonn li jitqis anke il-fatt ta' popolazzjoni ġewwa l-Lokal.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li jekk din ir-riforma ser issir ser ikun hemm bżonn illi jittieħed ħaddiem wieħed minn mal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantatr qal illi tajjeb li l-ħaddiema jkunu nfurmati b'dan. Il-Kunsill ma ħa l-ebda deċiżżjoni dwar min ikollu jitlaq iżda għandu jinsisiti li t-tlett ħaddiema assenjati jibqgħu.

➢ ***Offerti mingħand il-Green PAK u l-Green MT:***

Is-Segretarju s-Sur Josef Grech spjega illi kemm il-Green PAK kif ukoll il-Green MT kellhom jibgħatu l-proposti tagħhom sa 13 ta' Ottubru 3:00pm iżda daħlet biss l-offerta tal-Green MT. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jgħid illi fil-lista tal-proposti hemm mniżżel illi l-ġbir tal-ħġieġ mhux ser ikun qed jgħodd mal-piż ta l-iskart riċiklat.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill illi l-Green MT għad fadallu jgħaddi l-pagamenti tal-2014 u l-2015.

Il-kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fil-proposti hemm mniżżel illi hemm allokati €4000 bħala sponsorship scheme fejn jintużżaw €2000 euro fis-sena sabiex nsibu assoċjazzjoni jew għaqda mil-Lokal sabiex jiġu utilizżati fl-iskop ta' l-ambjent u tajjeb li din l-iskema tiġi utilizżata. Kompla jgħid illi hemm mniżżel ukoll illi ser jingħataw boroż griżi pero tajjeb jiġi speċifikat kemm hu l-ammont ser jingħataw.

Is-Sindku qal illi din is-sena ser ningħataw 50 bank min naħa tal-Foundation for Tourism Services li jistgħu jiġu utilizżati fin-naħa tal-Jerma, b'hekk il-flus min naħa tal-Green MT nistgħu nutilizżawhom għal skopijiet oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi 50 bank mhumiex biżżejjed biex nkomplu sa ħdejn il-Jerma allura tajjeb li l-flus tal-Green MT nutilizżawhom ukoll għal bankijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-flus jiġu utilizzati f'bankijiet kif ukoll nutilizżaw l-flus tal-isponsorship scheme.

7.0 ***Mistoqsija:***

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

8.0 ***Mozzjonijiet:***

8.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John B Camilleri (#107 – 9/10/15):**

*"Jipproponi sabiex il-Kunsill jagħmel talba lil Awtorita Marittima jew l-awtoritajiet kompetenti sabiex jiżdiedu s-swimming zones fl-inħawi tal-ponta tal-miġnuna kif indikat fil-pjanta anessa, dan għandu jsir sabiex jitnaqqas kull periklu għal ammont kbir ta' għawwiema li jkun hemm f'dawk l-inħawi."*

Il-Kunsill qabel unanimament.

9.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:***

Ma kien hemm l-ebda informazzjoni.

10.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.15p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar It-Tnejn 16 ta' Novembru 2015 fis-6.00pm.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku